MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 115/2005/1

**Salvatore sive Salvu Ellis u**
**martu Josephine Ellis.**

**v.**

**Richard Ellis,**
**u Maria armla ta' Anton Ellis.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli intavolati miz-zewg partijiet minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-21 ta' Novembru 2008 li ddisponiet mill-kawza billi laqghat l-ewwel talba tal-atturi u ddecidiet illi meta sar l-akkwist minn Anton Ellis bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tal-1980 citat fic-citazzjoni, l-istess Anton Ellis, u martu Maria Ellis, kienu qed jagixxu wkoll bhala *prestanome,* akkont, fl-interess u fuq inkarigu ta' l-atturi, kwantu ghal nofs indiviz; u illi ghal dak illi jirrigwarda dak in-nofs indiviz l-akkwist sehh bi flus somministrati mill-atturi.

2. Konsegwentement l-istess Qorti ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nofs ir-rikavat imdahhal minnhom fl-okkazzjoni tat-trasferiment tal-beni immobbli rimanenti bis-sahha tal-kuntratt tan-Nutar Paul Pisani tas-16 ta' Settembru 2005 imsemmi wkoll fic-citazzjoni, neqsin pero` nofs it-taxxi relattivi mhallsa mill-konvenuti, u ghalhekk is-somma ta' sitta u disghin elf, seba' mija u hamsin lira maltina (Lm96,750), pari llum ghal mitejn hamsa u ghoxrin elf, erba' mija u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (EUR225,427.50); bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma kkalkulati mid-data ta' dan il-kuntratt, sad-data tal-pagament effettiv.

3. Il-Qorti pero` cahdet it-tielet u r-raba' talba u cioe` it-talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni billi ma rrizultawx. Spejjez kwantu ghal $^{2}/_{3}$ ghall-konvenuti u $^{1}/_{3}$ ghall-atturi.

4. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

"B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tat-tnejn (2) ta' Mejju elf disa' mija u tmenin (1980), Anton Ellism durante iż-żwieġ tiegħu mal-konenuta Maria ellis, kien

akkwista mingħand l-eżekuturi testamentarji ta' Carolina Cauchi porzjon art magħrufa bħala "Ta' Għajn il-Kbira" fil-kuntrada taċ-Ċawla, f'Victoria, Għawdex tal-kejl ta' madwar disa' mija u disgħa u disgħin metri kwadri (999m.k.) liema art kienet magħrufa wkoll bħala plots numri erbgħa u għoxrin, ħamsa u għoxrin, sitta u għoxrin, sebgħa u għoxrin, tmienja u għoxrin, u disgħa u għoxrin (24, 25, 26, 27, 28, u 29);

"Illi għalkemm dan l-akkwist sar unikament f'isem Anton Ellis, in effetti għal dak illi jirrigwarda nofs indiviż mill-fondi akkwistati, l-imsemmija Anton Ellis kien qiegħed jagħmilha biss ta' prestanome għall-atturi, għaliex in effetti, għal dak illi jirrigwarda dan in-nofs indiviż, dan l-akkwist kien sar akkont fl-interess u fuq inkarigu tal-atturi;

"Illi in effetti, fuq din l-art ġew żviluppati numru ta' garages, u l-flus sia għall-akkwist tal-art innifisha kif ukoll għall-iżvilupp ta' dawn il-garages ġew somministrati fi kwota ta' nofs indiviż mill-atturi u nofs indiviż minn Anton Ellis u martu;

"Illi anke meta inbiegħu wħud mill-garages mibnija fuq din l-art, ad eċċezzjoni tal-istanza illi ser tissemma aktar il-quddiem f'din iċ-ċitazzjoni, ir-rikavat ġid dejjem spartit kwantu għal nofs l-atturi u nofs l-ieħor Anton u Maria Ellis.

"Illi Anton Ellis miet fit-28 ta' April, 2003, u ssuċċedieh l-uniku ibnu sopravissut għalih, il-konvenut Richard Ellis, fil-waqt illi Maria Ellis qegħda tiġi ċitata bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' Anton Ellis dakinhar tal-akkwist;

"Illi kemm qabel, kif ukoll wara l-mewt ta' Anton Ellis, l-atturi kienu talbu lil Anton Ellis u imbagħad lill-konvenuti sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni billi nofs indiviż mill-beni immobbli rimanenti wara l-iżvilupp u l-bejgħ imsemmija aktar il-fuq jiġu trasferiti fuq isem l-atturi u in effetti kienu saru diversi laqgħat għal dan l-iskop fejn Anton Ellis u warajh il-konvenuti odjerni dejjem irrikonoxxew din is-sitwazzjoni;

"Illi, imbagħad, pero' ħabta u sabta u ad insaputa tal-atturi l-konvenuti qabdu u trasferew il-beni immobbli imsemmija lil terzi, u dan bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sittax (16) ta' Settembru elfejn u ħamsa (2005). F'dak il-kuntratt, il-konvenuti biegħu l-arja kollha sovraposta għal tlettax-il garage mibnija fil-livell tat-triq, kif ukoll dik sovrapposta għall-btieħi annessi mal-istess garages tal-kejl komplessiv ta' ċirka ħames mija u disgħa metri kwadri (509m.k.); porzjon art intiża għall-kostruzzjoni ta' tlett garages bl-arja u sottoswol tagħhom tal-kejl ta' madwar mija u dsatax-il metru kwadru (119m.k.); u tlett partijiet oħra bl-arja u sottoswol tagħhom intiżi biex servu bħala entraturi għall-ambjenti ta' fuq tal-kejl rispettiv ta' dsatax-il metru kwadru (19m.k.); għaxar metri kwadri (10m.k.) u disa' metri kwadri (9m.k.);

"Illi dan it-trasferiment sar versu l-prezz apparenti u dikjarat ta' mitejn u għaxart elef lira maltija (Lm210,000) li minnhom nofs kien jispetta lill-atturi;

"Illi inoltre l-atturi sofrew danni per konsegwenza ta' dan it-trasferiment għaliex in effetti l-beni immobbli trasferiti mill-konvenuti kien fihom valur akbar minn dak dikjarat fuq il-kuntratt, u għaldaqstant l-atturi għandhom dritt jiġu riżarċiti dawk id-danni illi għandhom jiġu likwidati, okkorrendo ad opera ta' perit nominand; u għandhom jikkonsistu fid-differenza bejn il-valur reali tal-proprjeta' trasferita u l-prezz dikjarat fuq it-trasferiment.

"Talbu lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. "tiddikjara u tiddeċidi illi meta sar l-akkwist minnu bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Cefai fuq ċitat, Anton Ellis, u martu Maria Ellis kienu qegħdin jaġixxu bħala prestanome, akkont u fl-interess u fuq inkarigu tal-atturi kwantu għal nofs indiviż; u illi għal dak illi jirrigwarda dak in-nofs indiviż l-akkwist seħħ bi flus somministrati mill-atturi;

2. "konsegwentement tikkundannakom tħallsu lill-atturi nofs ir-rikavat imdaħħal minnkom fl-okkażżjoni

tat-trasferiment tal-beni immobbli rimanenti bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti fuq ċitat;

3. “tiddikjara illi fir-realta’ l-beni u drittijiet immobbli minnkom trasferiti bis-saħħa ta’ dak il-kuntratt kien fihom valur aktar minn dak dikjarat fuq dak il-kuntratt kien fihom valur aktar minn dak dikjarat fuq dak il-kuntratt; u tistabilixxi dan il-valur, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand;

4. “tikkunnakom tħallsu lill-atturi, in linea ta’ danni, dik is-somma riżultanti bħala nofs id-differenza bejn il-valur reali tal-proprjeta’ trasferita minnkom u l-valur dikjarat fuq dak il-kuntratt.

“Bl-interessi fuq l-ammonti dovuti minnkom fit-termini tat-tieni u r-raba talba b’effett mid-data tal-kuntratt ta’ trasferiment innifsu sad-data tal-pagament effettiv.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet premessi, Mandat Numru, u dawk tal-mandat ta’ sekwestru preżentat kontestwalment ma’ din iċ-ċitazzjoni, kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa intom inġunti.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Salvatore Ellis.

“Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. “Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

2. “Illi l-esponenti jiċħdu li Anton Ellis aġixxa bħala prestanome fil-kuntratt imsemmi mill-atturi, kif qed jiġi allegat minnhom.

3. “Illi l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif l-atturi jippretendu li Anton Ellis kien qed jidher għan-nom tagħhom meta kif qed jikkonfermaw mill-provi miġjuba diġa minnhom, Salvatore Ellis kien preżenti waqt l-akkwist

tal-proprjeta’ da parti ta’ Anton Ellis. Ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ġialadarba kien preżenti, l-atturi ma setgħax jidher ukoll personalment fuq il-kuntratt.

4. “Illi Anton u Salvatore Ellis kellhom xi negozji komuni u huma dejjem dehru t-tnejn li huma fuq il-kuntratti relattivi. Żgur li ma kien hemm xejn xi jżomm milli dan isir anki fir-rigward tal-proprjeta’ mertu ta’ din il-kawża.

5. “Illi żgur li kieku Anton Ellis deher waħdu biss fuq il-kuntratt ta’ akkwist tal-proprjeta’ in kwistjoni, ma kien hemm l-inqas xejn xi jżomm lill-attur milli jitlob li n-nofs indiviż tal-proprjeta’ jiġi trasferit f’ismu tul dan iż-żmien kollu.

6. “Illi għalhekk l-allegazzjoni ta’ l-atturi hija kompletament skorretta u nfondata.

7. “Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba jiġi ppruvat li l-atturi ħarġu xi flus biex inxtrat jew saru xi spejjeż oħra fuq il-proprjeta’ in kwistjoni, dan ma jfissirx li huma għandhom jedd jippretendu li nofs il-proprjeta’ kwistjoni hija proprjeta’ tagħhom. Kif ġie determinat minn ġurisprudenza kostanti, l-uniku dritt li l-atturi għan dhom fil-każ li jġibu tali prova huwa li jiġu rimborsati għall-ispejjeż li ħarġu fuq din il-proprjeta’.

8. “illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, u għall-grazzja ta’ l-argument biss, huwa sottomess li l-ammontanti ta’ danni pretiż mill-atturi huwa esaġerat. Il-kon venuti biegħu l-proprjeta’ tagħhom bi prezz determinat u l-prezz imħallas u attribwit lilha huwa ġust u reali. Għalhekk kemm-il darba l-atturi jkollhom suċċess fl-azzjoni tagħhom, huma jkollhom biss jedd għal nofs il-prezz miġbur mill-esponenti bi ħlas għall-proprjeta’ u mhux għall-ħlas ta’ xi danni oħra.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Richard Ellis.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Mejju 2008 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jirreklamaw mingħand il-konvenuti nofs ir-rikavat mill-prezz tal-bejgħ lil terzi tal-biċċa art, fir-Rabat, Għawdex, deskritta fiċ-ċitazzjoni, li huma jikkontendu kienet tappartjeni lilhom ukoll kwantu għan-nofs indiviż tagħha. Talbu wkoll id-danni in kwantu qed jallegaw illi l-prezz indikat fuq il-kuntratt ma kienx jirrifletti l-prezz kollu li bih inbiegħet l-istess biċċa art. Il-konvenuti jiċħdu li l-atturi qatt kellhom xi drittijiet fuq din l-art.

“Ġara illi fl-aħħar tas-snin sebgħin l-esekuturi testamentarji ta' ċerta Carolina Cauchi kienu ħarġu għall-bejgħ bl-offerti diversi *plots* f'territorju magħruf bħala "ta' Għajn il-Kbira", fil-kuntrada taċ-Ċawla, Victoria, Għawdex. L-attur Salvu Ellis u ħuh Anton, ir-raġel tal-konvenuta Maria Ellis u missier il-konvenut l-ieħor Richard Ellis, li apparti n-negozju tal-familja, kienu wkoll sħab fl-iżvilupp tal-proprjeta', tħajru jitfgħu l-offerti tagħhom għal dawn il-*plots*. L-offerta l-iżjed vantaġġjuża ġiet aġġudikata lil Anton Ellis, li pproċeda biex jakkwista f'ismu proprju l-proprjeta' ta' dawn il-*plots*.[1] Diversi partijiet minn din l-art ġew imbagħad żviluppati f'numru ta' *garages* li gradwalment inbiegħu lil terzi. In segwitu għall-mewt ta' l-istess Anton Ellis, il-konvenuti biegħu lill-kumpanja "Gozo Club Developments Limited" l-art rimanenti u l-arja fuq il-*garages* imsemmija.[2] Hekk kif saru jafu b'dan il-bejgħ, l-atturi pproċedew b'din il-kawża.

---

[1] Ara kopja ta' l-insinwa tal-kuntratt relattiv in atti Nutar E. G. Cefai tal-5.05.1980, esebit bħala Dok. A (insinwa 432) a fol. 7 tal-proċess .

[2] ara kopja ta' l-att relattiv in atti Nutar Dr. P.G. Pisani tas-16.09.2005 esebit bħala Dok. B a fol. 8 - 13 tal-process .

“L-atturi jikkontendu illi l-konvenuti ma messhom qatt biegħu din il-proprjeta' mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tagħhom, għax huma kellhom in-nofs indiviż mill-istess proprjeta'. Dan għaliex fuq il-kuntratt oriġinali ta' l-akkwist da parti ta' Anton Ellis, huwa kien qed jidher ukoll bħala *prestanome* ta' ħuh Salvu, u dana skont ftheim li kien sar bejniethom meta kienu qed jagħmlu l-offerti tagħhom, sabiex jiżguraw li l-art in vendita tiġi aġġudikata lilhom. Qed jiġi allegat għalhekk illi meta xtara dawn il-*plots*, Anton Ellis kien qed jaġixxi ukoll f'isem l-attur, li minkejja li ma kienx qed jidher fuq il-kuntratt relattiv, kellu jkun ukoll il-komproprjetarju tagħhom, bis-saħħa tal-mandat li kien ġie hekk mogħti lil ħuh.

“Ingħad fid-dottrina dwar dan it-tip ta' mandat illi: "…*il mandatario non deve essere confuso con il prestanome: dappoiche' quest'ultimo e' investito di un titolo, per il quale ha nei rapporti coi terzi tutti i diritti del proprietario, titolo pero' apparente e non reale, in quanto che il contratto di vendita, cessione o simili, in forza del quale agisce, cela e nasconde un vero contratto di mandato. Tale posizione giuridica del prestanome produce le sue conseguenze in ispecie verso i terzi. Il prestanome, assoluto proprietario dell'affare, ne acquista i diritti e gli oneri, obbligandosi direttamente col terzo che con esso contrae, il quale per conto con niun vincolo giuridico e' legato all'occulto mandante. E se anche il terzo sa esser il suo contraente un prestanome, agendo in nome del mandante, che vole rimanere occulto, ne' avendo interesse ad indagare l'esistenza del mandato.*

“*Il vero mandante pero', se lo giudica conveniente, ha sempre il diritto di presentarsi, onde continuare direttamente in proprio nome la gestione dell'affare incoata dal prestanome, assumendone tutti i diritti e obblighi nello stato in cui si trovano, sia perche' il mandato e' sempre revocabile, sia perche' i terzi non hanno alcun serio interesse ad opporsi a tale sostituzione.*

*I rapporti interni, per contro, tra il mandante e il prestanome non si differenziano da quelli del vero*

*mandato, salvo che il mandante non puo' impugnare, come di rincontro al mandatario, gli atti contratti dal prestanome coi terzi, anche se questi ha oltrepassato i limiti delle facolta' conferitegli; inoltre il prestanome trasmettendo al mandante il risultato dell'affare, avviene un nuovo trasferimento di diritti, il che non accade trattando il mandatario a nome del mandante,vero e proprio dominus dell'affare stesso*." [3]

“B'mod simili nsibu fil-ġurisprudenza lokali f'dan ir-rigward illi:
"*Il-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jeżerċita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta' mhux ħlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-ħaġa immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi lilu trasferita l-proprjeta' tal-ħaġa, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiż akwirent, mhux ħlief mandatarju. Għar-rigward tat-terzi jibqa' l-prinċipju illi, rispett għal dawn, il-konvenzjoni segreti li jidderogaw għall-konvenzjoni pależi, ma jipproduċi l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi għall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jiġu retti mil-liġi tal-mandat."*[4]

“Kif tajjeb sostnew il-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, a bażi tal-prinċipju: *actore non probante reus absolvitur,* huma l-atturi li għandhom jipprovaw dak sostnut minnhom, u ċioe' fil-każ in eżami, li Anton Ellis kien qed jaġixxi mhux biss f'ismu proprju, imma wkoll bħala *prestanome* ta' l-attur meta akkwista l-*plots* in kwistjoni. Ġie ribadit mill-qrati tagħna illi: "… *hija ħaġa mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq*

---

[3] il Digesto Italiano vol. XV pte. I voce Mandato Civile per Angelo Olivieri para. 91 pag. 399
[4] Prof. Anthony J. Mamo Noe. v Nobbli Charles Sant Furnier noe. : 2.5.1957; kollez. vol. XLIV. i. 298 .

*min jagħmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' prova, jew anke fid-dubbju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż.* (Troplong Mandato no. 50)." [5]

"Fil-każ tagħna rriżulta li Salvu Ellis u ħuh Anton dik il-ħabta li ġiet akkwistata l-art "ta' Għajn il-Kbira, ġia kellhom diversi proġetti edilizji bi sħab. Kienu akkwistaw, mingħand missier il-konvenuta Maria Ellis, biċċa art f'Marsalforn li żviluppaw fi blokk ta' appartamenti għall-kiri. Kellhom proġett ieħor ix-Xlendi magħruf bħala "Xlendi Gardens", u kienu akkwistaw ukoll biċċa art f'Marsascala. **L-attur** spjega kif meta ġiet imnedija għall-bejgħ l-art "ta' Għajn il-Kbira" huwa u ħuh tħajjru jitfgħu l-offerti tagħhom għal diversi *plots* minn dan it-territorju. Biex jassikuraw ruħhom li jakkwistawhom, ftehmu illi jitfgħu żewġ offerti, ta' Salvu tkun waħda għal ammont fiss, filwaqt illi dik ta' Anton tkun għal ċertu ammont fuq l-għola offerta. Dan, ikompli jispjega Salvu, sar billi kellhom dubbju kemm l-offerta ta' Anton kienet valida, u allura f'każ li dik kellha tiġi rifjutata, kien xorta waħda jkollhom offerta aċċettabbli. Irriżulta li l-offerta ta' Anton Ellis giet aġġudikata bħala l-iżjed waħda vantaġġjuża w allura l-kuntratt ta' akkwist sar miegħu. Imma kif isostni l-attur, dan ix-xiri, minkejja li hu ma kienx ser jidher fuq il-kuntratt, sar ukoll fl-interess tiegħu, kwantu għan-nofs indiviż tal-beni in vendita.[6] Ma kien sar ebda ftehim bil-miktub dwar dan, imma kif inhu stabilit fil-ġurisprudenza: "*Il mandato a comprare un immobile puo' esistere legalmente, quantunque non dato per iscritto; e' percio' ammissibile la prova testimoniale per dimostrare nei limiti della obbligazione civile o commerciale a secondo l'indole della convenzione conclusa*." [7] Li mandat bħal dan ma jenħtieġx il-forma miktuba, kompliet taffermah l-Qorti ta' l-Appell meta qalet illi: "*Siffatto mandato… non occorreva che fosse in iscritto*

---

[5] Prim'Awla : Air Malta Company Ltd. vs Richard Muscat et. : 28.02.2001 .

[6] ara affidavit ta' Salvu Ellis a fol. 127 - 130 tal-proċess .

[7] Appell : Trani 6.03.1903 Scannapicco utrinque - rivista Giurisprudenza 350, Foro Italiano 74, ccitata mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza : Saverio Galea et. vs Paolo Gauci noe." 24.4.1931; kollez. Vol. XVIII. I. 60 .

*per essere valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge*." [8]

“Il-Monsinjur **Dun Tumas Curmi**, wieħed mill-eżekuturi testamentarji ta' l-imsemmija Carolina Cauchi, li kien involut fil-bejgħ ta' din l-art lil Anton Ellis, jiftakar illi ż-żewġt aħwa kienu preżenti u tefgħu offerti separati fl-okkażżjoni ta' l-aġġudikazzjoni ta' l-art in vendita. Salvu Ellis kien preżenti wkoll fuq il-kuntratt relattiv. Ix-xhud ma kienx pero' f'pożizzjoni jgħid xi ftehim kien hemm bejniethom dwar din l-art, għalkemm dejjem qies illi l-art kienet inxtrat mit-tnejn li huma, tant illi meta li Scouts riedu jixtru xi *plots* għall-*headquarters* tagħhom, huwa bagħthom ikellmu liż-żewġt aħwa.[9] In kontro-eżami dan ix-xhud ammetta pero' li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-aħwa Ellis milli jagħmlu offerta flimkien.[10]

“Ġara illi ftit wara li kien sar dan l-akkwist, Anton Ellis ħtieġlu jsiefer l-Ingilterra fit-tul minħabba marda li kienet qed issofri minnha bintu, u għalhekk ħalla f'idejn ħuh Salvu biex jamministralu kemm il-proprjeta' li kellhom in komun, kif ukoll dik appartenenti lilu proprju. Infatti rriżulta illi peress li sa mis-sena 1981, Anton Ellis kien ikun f'dawn il-gżejjer għal żmien qasir u sporadiku, l-attur ħa ħsieb *inter alia* l-kostruzzjoni ta' numru ta' *garages* fuq is-sit in kwistjoni, u nnegozja wkoll il-maġġjor parti tal-bejgħ tagħhom. Dwar din l-amministrazzjoni l-attur żamm notamenti, li kopja fotostatika tagħhom, debitament awtentikata, ġiet esebita f'dawn l-atti.[11] Wieħed josserva f'dawn in-notamenti illi fejn l-attur jirreferi għall-ispejjeż inkorsi fl-akkwist u żvilupp tas-sit in kwistjoni, dejjem juża l-ewwel persuna fil-plural, bħal per eżempju "ħ*riġna*" jew "*daħħalna*" u mkien ma jgħid illi l-ħrug jew dħul sar biss minn Anton. Il-konvenuti jikkritikaw dawn in-notamenti, għaliex ma jirreferux biss għall-iżvilupp ta' l-art "ta' Għajn il-Kbira", imma wkoll għall-proġetti l-oħra li kellhom l-aħwa

---

[8] ibid.; ara wkoll: V. Vella vs Angelo Vella : Prim'Awla : 13.01.1947; Rizzo Bamber vs Rizzo : Prim'Awla : 11.01.1950 .
[9] ara affidavit tieghu Dok. G a fol. 43 tal-proċess .
[10] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 101 - 107 tal-proċess .
[11] Dok. C a fol. 14 - 22 tal-proċess .

Ellis bi sħab u ma hemmx kontestazzjoni dwarhom. Madankollu jirriżulta illi anke fejn in-notamenti jirreferu speċifikament għall-art in kwistjoni, tintuża wkoll l-ewwel persuna fil-plural. Hekk insibu mniżżel: "*Garages Sorijiet ta' Pompei Bena (sic) garage no. 4" lil Censu Lm3000 u tana Lm1000 min quddiem*." [12] Hekk ukoll: "*Flus li Ħriġna għal taċ-Ċawla Xiri ta' Sitt Plots: Lm17752.50*", u fl-istess notament jagħmel ukoll distinzjoni bejn dak li ħarġu l-aħwa flimkien "*ħallasna 16.9.81 1125.00,0, ħallasna 1400.00,0, ħallasna 400.00,0"* etc. u dak li ħallas hu personalment: "ħ*allast lil Karmnu Bigeni bennej Lm830*," etc. [13] L-attur ikompli jispjega li tant kienu miftehmin li din l-art kienet tappartjeni ugwalment liż-żewġt aħwa flimkien, illi anke ma' l-Inland Revenue, id-dħul li kien isir anke fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' din l-art, kien jiġi dikjarat kwantu għal nofs kull wieħed. Infatti jesebixxi ittra minn dan id-Dipartiment indirizzata lilhom it-tnejn, fejn, mingħajr ma ssir ebda distinzjoni bejniethom, qed jintalbu jipprovdu kopji tal-kuntratti ta' xiri jew bejgħ ta' diversi proprjetajiet formanti parti l-proġetti li kellhom bi sħab, inklużi dawk li kienu jirreferu għall-art in kwistjoni.[14]

“Hekk ukoll insibu illi kont dwar xogħlijiet magħmula minn ċertu Joe Pisani in konnessjoni mal-bini tal-*garages* fuq l-art in kwistjoni ġew indirizzati lil Salvu u Anton Ellis flimkien,[15] u r-riċevuti relattivi ġew maħruġa wkoll lil dawn it-tnejn flimkien.[16] Waħda minnhom fiha wkoll il-firma ta' Anton Ellis,[17] kif konfermat mill-konvenuta fid-depożizzjoni tagħha,[18] indikazzjoni li dan kien qed japprova l-mod kif ħarġet din ir-riċevuta.

“Mistoqsi in kontro-eżami għaliex qatt ma pprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu dwar din l-art, l-attur wieġeb illi huwa u ħuh kienu jafdaw lil xulxin, u qatt ma ried jurih jew jagħtih x'jifhem li qed jissuspetta li qatt kien ser jiċħadlu dak li kien jispetta lilu.

---

[12] a fol. 19 .
[13] a fol. 21 .
[14] Dok. I a fol. 46 - 47 tal-process .
[15] Dok. R a fol. 63 .
[16] a fol. 62 .
[17] Dok. T a fol. 65 .
[18] a fol. 260 .

"**Giuseppi Galea,** li kien wieħed mill-ewwel akkwirenti, jiftakar li kien kellem lil Salvu Ellis dwar ix-xiri ta' *garage* minnhom. Jiftakar illi għall-kuntratt kienu dehru ż-żewġt aħwa Ellis, u għalih din il-proprjeta' kienet tappartjeni lilhom it-tnejn. Din l-impressjoni tiegħu kompla jsaħħaħha meta xtaq jakkwista wkoll l-arja ta' fuq dan il-*garage* u sew Salvu kif ukoll Anton kienu jgħidulu li jridu jikkonsultaw lil xulxin qabel jagħtuh risposta.[19]

"**Michael Said** ukoll kien akkwista wieħed mill-*garages* mibnija fuq din l-art. Jiftakar li kien innegozja direttament ma' Anton u Salvu flimkien f'dan ir-rigward, imma mbagħad meta ġie biex isir il-kuntratt, kien talab lil Salvu li kien ser jidher fuq il-kuntratt, biex inkluż fil-prezz ikun hemm ukoll il-madum għal dan il-*garage*, u l-attur aċċetta li jagħtih il-madum meħtieġ mill-pressa tagħhom.[20]

"**Maria Ellis,** oħt Salvu u Anton, kienet ġiet imħajjra minnhom sabiex tixtri wieħed minn dawn il-*garages*. Kienu kellmuha ż-żewġt aħwa, sew flimkien u anke separatament. Hija ħadet l-impressjoni li dawn kienu tat-tnejn li huma, imma ħadd minnhom qatt ma semma speċifikament ta' min kienu.[21]

"L-avukat D**ottor Carmelo Galea** kien ġie avviċinat mill-attur fis-sena 2002 in konnessjoni mad-diviżjoni li xtaqu jagħmlu l-aħwa Ellis tal-proprjetajiet li kienu għadhom jipposjedu in komun. Anton Ellis kien inkariga lill-mibki avukat Dottor Michael Grech għall-istess fini. Bdiet tiġi skambjata korrispondenza *via e-mail bejn* iż-żewġ avukati f'dan ir-rigward, u peress li Anton Ellis kien iżjed imsiefer milli le, l-avukat tiegħu talab lil Dottor Galea biex jiġbor l-informazzjoni meħtieġa dwar il-beni in kwistjoni mingħand il-klijent tiegħu.[22] Infatti wara li Dottor Galea akkwista lista ta' dawn il-proprjetajiet mingħand l-attur,[23] ipprepara

---

[19] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 133 - 136 tal-proċess .
[20] ara xhieda a fol. 137 – 140 .
[21] ara affidavit tagħha Dok. ME a fol. 150 u kontro-eżami a fol. 159 – 162 .
[22] ara kopji tad-diversi e-mails li ġew skambjati bejn l-avukati rispettivi, esebiti bħala Dok. J a fol. 48 u Dok. X a fol. 268 tal-proċess .
[23] a fol. 25 tal-proċess .

abbozz ta' ftehim dwar din id-diviżjoni li huwa jgħid li għadda lill-kollega tiegħu.[24] F'dan il-ftehim il-proprjetajiet ta' Carolina Cauchi Street, ġew inklużi wkoll, u x-xhud jafferma illi dwar dan qatt ma kien hemm ebda oġġezzjoni minn naħa l-oħra. Saru wkoll diversi laqgħat fl-uffiċċju ta' Dottor Galea f'tentattiv li jintlaħaq ftehim dwar kif kellha ssir din il-qasma, imma dawn baqgħu jkarkru bosta xhur u ġew sospiżi bil-mewt inaspettata ta' Anton Ellis fit-28 ta' April 2003. Jidher illi l-ewwel darba li nqalgħet il-kwistjoni dwar jekk l-atturi kellhomx xi jeddijiet dwar l-art in kwistjoni, kien meta reġgħu ġew ri-attivati d-diskussjonijiet fl-2004, din id-darba ma' l-armla ta' Anton u ibnu, il-konvenuti preżenti. Dawn ta' l-aħħar bdew iqajmu dubbju dwar kemm kienet ġenwina l-pretensjoni ta' l-attur li l-art ta' Triq Carolina Cauchi kienet komuni wkoll. Qabel ma jikkommettu ruħhom f'dan ir-rigward riedu jagħmlu l-verifiki tagħhom. Imma, jkompi jgħid ix-xhud, darba minnhom waqt li kien il-Qorti, jiddiskuti l-każ ma' l-avukata l-ġdida li daħlet flok Dottor Michael Grech, il-konvenut li kien preżenti wkoll ssuġerixxa illi din l-art kellha tinqasam kwantu għal żewġ terzi għan-naħa tagħhom, filwaqt illi Salvu jieħu terz. Dan kellu jkun bi tpattija għal xi vantaġġi li Richard kien qed jallega li Salvu ħa mill-amministrazzjoni tal-beni ta' missieru. Dan is-suġġeriment ġie ikkomunikat l-għada lill-klijent tiegħu, kif jidher mill-kopja ta' l-*e-mail* relattiva esebita fl-atti.[25]

"Għalkemm il-konvenut **Richard Ellis** jammetti fix-xhieda tiegħu, illi l-impressjoni li kellu, sakemm kien għadu ħaj missieru, dejjem kienet illi din l-art ta' Carolina Street, kienet tapparjeni lil missieru u zijuh l-attur bi sħab, huwa ried jagħmel l-aċċertazzjonijiet tiegħu.[26] Infatti wara li saru d-debiti riċerki dwar il-proprjeta' immobbli li kellu missieru, u rriżulta li din l-art kienet ġiet akkwistata minnu biss, il-konvenuti pproċedew biex jinkluduha fid-dikjarazzjoni *causa mortis*, li kellha issir in segwitu għall-mewt ta' Anton Ellis.[27] Il-konvenut stqarr illi meta l-ġenituri tiegħu kellhom imorru b'oħtu l-Ingilterra huwa kien għadu żgħir u

[24] Dok. D a fol. 23 - 24 tal-process .
[25] Dok. K a fol. 49 .
[26] ara depożizzjoni in kontro-ezami tiegħu a fol. 240 .
[27] ara riċerki dwar Richard Ellis Dok. F a fol. 29 - 39 tal-proċess .

għalhekk ma tantx kien intiż fin-negozju ta' missieru, u ftit li xejn kien jinvolvi ruħu fih. Meta mbagħad beda javanza fl-eta', missieru kien beda jinvolvih fil-bejgħ tal-*garages* ta' Triq Carolina Cauchi, u nfatti kien imur għal xi kuntratt flimkien ma' zijuh Salvu, u l-flus li kien jiġbor mill-bejgħ kien ikun pront jibgħathom lill-missieru l-Ingilterra.[28] Ċaħad li qatt qal xi diskors fil-preżenza ta' Dottor Galea, fis-sens li ppropona kif għandha tinqasam l-art in kwistjoni bejnhom u l-atturi.

"Il-konvenuta **Maria Ellis** stqarret illi **ż**ewġha qatt ma kien semmielha li Salvu kellu xi sehem mill-art ta' Triq Carolina Cauchi, lanqas meta kienu bdew in-negozjati dwar il-qasma tal-beni pposeduti in komun. Għal kuntrarju, kien qalilha, per eżempju illi dwar tax-Xlendi kienu għadhom ma waslux. Tapprezza pero' illi Salvu kien imdaħħal ħafna sa mill-bidu, fl-iżvilupp ta' l-art in kwistjoni u l-bejgħ tal-*garages* li nbnew fuqha, kif kien ukoll fil-beni l-oħra li l-aħwa kienu jipposjedu flimkien u anke f'dawk li kienu jappartjenu lil Anton waħdu. Dan għaliex, minn meta mardet it-tifla tagħhom u ħtiġilhom isifruha l-Ingilterra, Anton ma setgħax ikompli jamministra ħwejjġu. Għalhekk inkariga lil ħuh Salvu, li kien l-iżjed wieħed qrib tiegħu mill-aħwa, u anke għaliex kellhom diversi negozji flimkien, biex jeħodlu ħsieb tagħhom fl-assenza tiegħu. Madankollu Salvu baqa' qatt ma tahom rendikont ta' l-amministrazzjoni tiegħu u dwar dan żewġha ġieli wera magħha d-dispjaċir tiegħu. Baqgħet issostni li l-atturi ma kellhom xejn minn din l-art, għax la kien hemm xejn bil-miktub, u lanqas kien hemm ebda raġuni għaliex Salvu u Anton ma kellhomx jidhru flimkien fuq il-kuntratt ta' akkwist tagħha, jew ta' l-inqas li wara jsir kuntratt ieħor fejn Anton jittrasferilu sehmu. [29]

"Wara li qieset sew il-provi kollha li tressqu f'din il-kawża, l-Qorti tinsab konvinta fil-grad ta' ċertezza meħtieġa fil-kamp ċivili, illi l-attur ma vvintax din il-pretensjoni tiegħu, u li dak li sostna dwar il-mandat *prestanome* li jgħid li kien ta lil ħuh fl-okkażżjoni tat-tnedija ta' l-offerti għall-art "ta'

[28] ara affidavit tiegħu a fol. 181 – 183 .

[29] ara affidavit tagħha a fol. 186 - 190 u kontro-eżami relattiv a fol. 250 – 265 .

Għajn il-Kbira" kien minnu. Hemm diversi ċirkostanzi li rriżultaw u li wassluha għal din il-konklużjoni. Hekk naraw illi:

1. “Li Salvu Ellis wkoll, u mhux Anton biss, kien mill-ewwel interessat f'din l-art, jirriżulta mill-preżenza tiegħu u l-offerta li tefa' f'dik l-okkażjoni. Billi huwa u Anton dik il-ħabta ġia kellhom diversi proġetti edilizji flimkien ta' ċerta entita', kien naturali għalihom anke f'dan il-każ li jidħlu għax xiri ta' din l-art ta' daqs sostanzjali flimkien. Li Salvu ma nkludiex ismu fl-offerta ta' ħuh, minkejja li strettament ma kien hemm xejn x'iżommu milli jagħmel hekk, huwa spjegabbli meta wieħed iqis li, ta' l-inqas f'għajnejn il-kompetituri tagħhom, kienet ser tidher xi ftit jew wisq stramba jekk mhux ukoll irregolari li wieħed jgħolli fuqu nnifsu. Ġialadarba mbagħad l-offerta ta' Anton ġiet aġġudikata bħala l-aħjar offerta, huwa żgur ma setax jidher fuq il-kuntratt. Li ma sarx kuntratt ieħor sussegwentement biex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' bejniethom, huwa spjegabbli mill-fiduċja li l-aħwa kellhom f'xulxin, u li sakemm kien għadu ħaj Anton ma jidhirx illi qatt kien hemm xi dubbju dwar is-sehem ta' l-attur f'din il-proprjeta'.

2. “L-interess li huwa evidenti li ħa l-attur fil-proġett ta' l-iżvilupp tal-*garages* mibnija fuq din l-art u l-bejgħ tagħhom lid-diversi kumpraturi, ma jidhirx li kien biss ta' sempliċi amministratur ta' ħwejjeġ ħaddieħor. Dejjem kien ikun preżenti għal kull kuntratt ta' bejgħ, anke meta Anton kien jinzerta f'dawn il-gżejjer, u kull min kellu x'jaqsam miegħu dejjem ħa l-impressjoni li l-proġett kien qed isir bi sħab bejn Salvu u Anton. Hekk xehdu Dun Tumas Curmi, Giuseppi Galea, Michael Said, Maria Ellis, oħthom, u saħansitra l-istess konvenut ammetta li din kienet dejjem l-impressjoni tiegħu wkoll sakemm kien għadu ħaj missieru. Hekk ukoll irriżulta mill-kont u riċevuti rilaxxjati minn Joe Pisani, u mill-ittra mibgħuta mill-Inland Revenue.

3. “In-notamenti miżmuma mill-istess attur jixhdu illi l-flus li kienu qed jidħlu u joħorġu in konnessjoni ma' dan il-proġett kienu taż-żewġt aħwa u mhux ta' Anton

biss, u din il-Qorti ma sabet ebda raġuni għaliex għandha tiddubita mill-ġenwinita' ta' l-istess notamenti.

4. “Hemm ukoll id-depożizzjoni inekwivoka ta' l-avukat Galea, li minnha jirriżulta li sakemm kien għadhom ħajjin Anton Ellis u l-avukat Michael Grech, qatt ma tqajjem xi dubbju dwar jekk din l-art kellhiex tiġi nkluża fil-pjan ta' diviżjoni li kien qed jiġi mfassal dwar il-beni mmobbli komuni li kienu jipposjedu Salvu u Anton Ellis.

“Kif sewwa jgħidu l-atturi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, ġialadarba l-art in kwistjoni laħqet ġiet ittrasferita lil terzi qabel ma huma ndunaw b'li kien ser jiġri, u mhux qed tiġi imputata ebda *mala fede* lil min akkwista din l-art, illum l-atturi ma jistgħux jesiġu aktar li sehemhom minn din l-art tiġi trasferita lilhom, imma jistgħu biss jitolbu d-danni mingħand il-konvenuti.[30] Il-konvenuti da parti tagħhom jissottomettu fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet responsiva tagħhom f'dan ir-rigward illi, peress illi l-mandat li kien ta Salvu Ellis lil ħuh kien ġie terminat bil-mewt ta' dan ta' l-aħħar, ma jistgħux l-atturi jduru issa fuq l-eredi tiegħu sakemm ma jiġix ippruvat li dawn kienu aġixxew in *mala fede*, u jiċċitaw f'dan ir-rigward lir-**Ricci**.[31] Mandankollu ma jistax jingħad fil-każ in eżami li l-konvenuti kienu għal kollox sajmin mill-pretensjoni ta' l-atturi. Anzi jirriżulta illi Salvu Ellis kien infurmahom li huwa kien qed jesiġi li din l-art tiddaħħal ukoll fil-qasma sa mill-ewwel okkażżjoni li kellu biex jiltaqa' magħhom in segwitu għall-mewt ta' Anton Ellis. Il-konvenuti għalhekk ħadu riskju kbir meta pproċedew bil-bejgħ ta' l-art in kwistjoni lis-soċjeta' msemmja, qabel ma din il-kwistjoni ġiet iċċarata ma' l-atturi, u għal dan in-nuqqas tagħhom iridu issa jagħmu tajjeb.

“Id-danni li jistgħu jiġu likwidati f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jirriflettu l-prezz li ġie indikat fuq il-kuntratt ta' bejgħ ta' din l-art lil "Gozo Club Developments Limited" in forza tal-kuntratt li sar in atti Nutar Dottor Paul Pisani tas-

[30] ara f'dan is-sens Appell : Saverio Galea et vs Paolo Gauci noe. 24.04.1931 kollez. Vol. XXVIII. i. 60 .

[31] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti a fol. 20; il-bran iċċitat huwa meħud minn Vol. .IX pag. 198 – 199 .

16 ta' Settembru 2005.[32] Il-valur dikjarat ta' dan il-bejgħ kien ta' mitejn u għaxart elef lira maltija (Lm210,000). L-atturi allegaw fiċ-ċitazzjoni tagħhom illi dan il-prezz kien wieħed fittizju, u li din l-art attwalment inbiegħet għal prezz ferm ogħla. Imma dwar dan qatt ma tressqu lanqas l-iċken provi. Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, l-atturi jissottomettu illi f'każ li din il-Qorti tilqa' t-tezi ta' l-atturi dwar il-mandat *prestanome* mogħti lil Anton Ellis minn ħuh Salvu, hija għandha tgħaddi mbagħad biex tinnomina perit arkitett ħalli jistabilixxi l-valur reali ta' din l-art. Imma kif jirriżulta mil-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Mejju 2008,[33] din il-kawża tħalliet "*għas-sentenza*", u mhux għal sentenza *in parte*, u lanqas kien hemm ebda riserva dwar il-possibilita' li jiġi nominat xi perit f'każ li l-Qorti tiddeċidi favur it-teżi ta' l-atturi.

"Id-danni ripetibbli huma allura nofs l-ammont dikjarat fuq il-kuntratt imsemmi, u ċioe' Lm105,000. Minn din is-somma pero', kif jammettu l-istess atturi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, iridu jitnaqqsu wkoll nofs it-taxxi mħallsa mill-atturi in konnessjoni ma' din l-art. Mill-ewwel Dikjarazzjoni *causa mortis* in segwitu għall-mewt ta' Anton Ellis, jirriżulta illi proporzjonalment mal-valur totali tal-beni mmobbli dikjarati, fuq din il-proprjeta' kienet tħallset: Lm1500 taxxa.[34] Mid-Dikjarazzjoni addizzjonali jirriżulta li fuq l-istess art tħallset taxxa oħra ta': Lm300.[35] Imbagħad fuq il-kuntratt ta' bejgħ lil Gozo Club Developments Limited tħallset taxxa proviżorja fuq qliegħ kapitali ta' Lm14,700. B'kollox għalhekk il-konvenuti ħallsu f'taxxi in konnessjoni ma' din l-art: Lm16,500. Nofs dan l-ammont għalhekk għandhom ibatuh l-atturi stess. B'hekk jiġi li huwa dovut lill-atturi: Lm105,000 - Lm8250 = Lm96,750, pari llum għal EUR225,427.50. Fuq dan l-ammont ta' l-aħħar huma dovuti l-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-kuntratt, għax kieku l-atturi kienu komparteċipi fih, il-flus li jmissu lilhom kienu jkunu f'idejhom sa minn dakinhar, kif jirriżulta minn dak li ġie dikjarat fuq l-istess kuntratt.

[32] Dok. B a fol. 8 - 12 tal-proċess .
[33] a fol. 273 .
[34] Dok. F a fol. 198 - 201 tal-proċess .
[35] Dok. G a fol. 202 - 205 tal-proċess .

“Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. “tilqa' l-ewwel talba u tiddeċidi illi meta sar l-akkwist minn Anton Ellis bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tal-1980 ċitat fiċ-ċitazzjoni, l-istess Anton Ellis, u martu Maria Ellis kienu qed jaġixxu wkoll bħala *prestanome,* akkont, fl-interess u fuq inkarigu ta' l-atturi, kwantu għal nofs indiviż; u illi għal dak illi jirrigwarda dak in-nofs indiviż l-akkwist seħħ bi flus somministrati mill-atturi;

2. “konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi nofs ir-rikavat imdaħħal minnhom fl-okkażżjoni tat-trasferiment tal-beni immobbli rimanenti bis-saħħa tal-kuntratt in atti Nutar Paul Pisani tas-16 ta' Settembru 2005 imsemmi wkoll fiċ-ċitazzjoni, neqsin pero' nofs it-taxxi relattivi mħallsa mill-konvenuti, u għalhekk is-somma ta' sitta u disgħin elf, seba’ mija u ħamsin lira maltija (Lm96,750), pari llum għal mitejn ħamsa u għoxrin elf erba' mija u seba' u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (EUR225,427.50); bl-imgħaxijiet legali fuq din is-somma kkalkulati mid-data ta' dan il-kuntratt, sad-data tal-pagament effettiv;

3. “Tiċħad it-tielet u r-raba' talba billi ma rriżultawx.

“L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti u terz (1/3) mill-atturi stess.

**L-appell tal-konvenuti Richard Ellis u Maria armla ta’ Anton Ellis**

5. Illi l-konvenuti Richard u Maria Ellis hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita u interponew appell minnha permezz ta’ rikors datat 10 ta’ Dicembru 2008.

6. Illi fl-ewwel lok huma hassewhom aggravati b’numru ta’ osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, li mbaghad inducewha biex tiddeciedi bil-mod kif iddecidiet. Fit-tieni lok huma jsostnu li l–ewwel Qorti

ghalkemm iccitat korrettement il-principji applikabbli ghall-kaz odjern, hija ma applikathomx korrettement meta ddecidiet il-vertenza.

**Ir-risposta tal-atturi Salvatore sive Salvu Ellis u martu Josephine Ellis**

7. L-atturi wiegbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti, in kwantu laqghat it-talbiet taghhom hija wahda gusta u timmerita konferma. Huma attakkaw dettaljatament kull aggravju li ressqu l-konvenuti fir-rikors tal-appell taghhom.

**L-appell tal-atturi Salvatore sive Salvu Ellis u martu Josephine Ellis**

8. Illi permezz ta' rikors datat 10 ta' Dicembru 2008 l-atturi wkoll iddikjaraw li hassewhom aggravati b'dik il-parti tas-sentenza sudetta fejn cahdet it-talbiet taghhom ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

**Ir-risposta tal-konvenuti Richard Ellis u Maria armla ta' Anton Ellis**

9. Illi l-konvenuti rrispondew ghall-appell tal-atturi billi qalu li s-sentenza appellata, in kwantu cahdet it-tielet u r-raba talbiet attrici, hija korretta u timmerita li tigi konfermata.

**Fatti tal-kawza**

10. Illi l-attur u huh Anton Ellis kienu jinnegozjaw xi artijiet flimkien. Permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Mejju 1989, Anton Ellis akkwista diversi plots f'territorju maghruf bhala "ta' Ghajn Kbira", fil-kuntrada tac-Cawla, Victoria, Ghawdex, u dan wara li l-offerta tieghu giet aggudikata bhala l-izjed vantaggjuza. Maz-zmien gew zviluppati u mibjugha diversi partijiet minn din l-art sakemm permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Settembru 2005 il-konvenuti, li jigu iben u mart Anton Ellis li nel frattemp gie nieqes, bieghu l-proprjeta` rimanenti lill-Gozo Club Development Limited. Meta l-konvenuti gew konfrontati bil-pretensjoni tal-attur li hu kellu nofs indiviz mill-imsemmija proprjeta` derivanti

minn ftehim li kien hemm mal-awtur taghhom, l-istess konvenuti irrifjutaw li jirrikonoxxu dan il-fatt u ghaldaqstant l-atturi pprocedew b'dina l-kawza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Din il-Qorti se titratta l-ewwel l-appell tal-konvenuti Richard Ellis u Maria armla ta' Anton Ellis peress illi eventwalment l-appell ta' Salvatore sive Salvu Ellis u Josephine Ellis jiddependi ghal konsiderazzjoni tieghu minn jekk dina l-Qorti tikkonfermax jew le s-sentenza tal-ewwel Qorti.

12. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi meta Anton Ellis, l-awtur tal-konvenuti, deher fuq il-kuntratt ta' xiri tal-art in kwistjoni huwa ghamel dan kemm ghan-nom tieghu kif ukoll ghan-nom ta' huh l-attur.

13. Dwar il-principji legali applikabbili ghal dana l-kaz jidher li dawn gew citati korrettement mill-ewwel Qorti izda l-konvenuti appellanti jsostnu xorta wahda li l-ewwel Qorti applikat hazin dawn il-principji legali ghal-fatti ta' dan il-kaz.

14. Ghar-rigward in-nozjoni ta' *prestonome*, fil-kawza **Maria Calleja nomine v. Paolo Deguara** deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (Vol. XXVII.i.620), gie osservat: *"nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell'atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse"*. Fir-rigward ta' dan il-kuncett dan gie spjegat b'mod konciz u car minn din il-Qorti fis-sentenza **Professur Anthony Mamo nomine v. Charles Sant Fournier** tat-2 ta' Mejju 1957:- *"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jezercita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiz akkwirenti,*

*mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward ta' terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet sigreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett.* ***Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat; u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant****"*

15. Il-Qorti ghalhekk issa sejra tezamina l-fatti tal-kaz kif imressqa quddiemha biex tara jekk, bhala fatt, dawn il-principji gewx applikati korrettement mill-ewwel Qorti u jekk kienx jezisti l-mandat allegat mill-attur.

16. Dak li bazikament qeghdin jitolbu l-appellanti Richard u Maria Ellis huwa li din il-Qorti terga' taghmel apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti.

17. Din il-Qorti ippronunzjat ruhha diversi drabi fis-sens li huwa principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, bhala regola ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Hi ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-ewwel istanza jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Il-Qorti tal-Appell, bhala norma tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat b'mod li jekk jithalla tkun sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew ohra.

18. **L-ewwel aggravju** tal-appellanti Richard u Maria Ellis jattakka d-diversi konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti li eventwalment wassluha ghall-konvinciment morali li l-art in kwistjoni kienet proprjeta` ukoll ta' l-atturi.

19. L-appellanti Richard u Maria Ellis jissottomettu li l-ahwa Salvu u Anton Ellis gieli xtraw proprjetajiet flimkien u

gieli individwalment u f'dan il-kaz isostnu li l-art inxtrat minn Anton Ellis wahdu.

20. Dwar dina s-sottomissjoni l-Qorti ezaminat ix-xiehda u d-dokumenti ezibiti u jirrizultalha li generalment l-akkwisti li ghamlu l-ahwa Ellis kienu jsiru flimkien u kienet l-eccezzjoni meta dan ma jsirx.

21. L-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti ikkunsidrat bhala plawsibbli l-ispjegazzjoni li ta l-attur[36] ghar-raguni ghala hu u huh tefghu offerti separata u dan ghaliex skont kif xehed Dun Tumas Curmi, minghand min inxtrat l-istess art, ma kien hemm xejn xi jzomm liz-zewg ahwa li jaghmlu offerta unika. Madankollu, bhall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija konvinta illi l-ahwa Ellis kienu ghamlu offerti individwali biex jikbrilhom ic-cans li l-art tigi aggudikata lilhom. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi mill-kumpless tal-provi prodotti il-ftehim bejn iz-zewgt ahwa kien li l-art tkun tat-tnejn u l-ghola offerta kien tefaghha Anton Ellis f'ismu biss billi kellhom dubju jekk din kinitx se tkun meqjusa valida jew le.

22. Minn qari tax-xhieda jirrizulta car illi wara l-akkwist tal-art in kwistjoni, kull meta xi xerrej prospettiv kien juri interess fl-istess art, l-attur kien dejjem jigi involut. Inoltre dwar il-hlas dovut lill-kuntratturi ma kienx jaghmel sens li Salvu Ellis jassumi huwa personalment ir-responsabilita' ghall-hlas ta' dawk l-ammonti kieku l-art ma kienitx tieghu wkoll. L-interess dirett tieghu huwa wkoll apparenti minn vera kopja ta' diversi notamenti li jinsabu a fol.20 sa 22 tal-process u li gew esebiti mac-citazzjoni. Minnhom jirrizulta illi d-dhul u l-ispejjez tal-progett li kien qieghed jinbena fuq l-art in kwistjoni kien qed isir miz-zewgt ahwa flimkien. Il-prova ta' dawn in-notamenti, li fl-istadju ta' dan l-appell gie esebit il-ktieb originali fejn gew imnizzla, ma giet bl-ebda mod skossa mill-konvenuti. Il-konvenuti kellhom kull opportunita' jitolbu perizja teknika jekk kellhom xi dubju dwar il-veracita` o meno tal-kontenut tal-istess notamenti.

---

[36] Ara fol 127.

23. Din il-Qorti ma tistghax ukoll tinjora l-*emails* u skritturi skambjati bejn il-legali tad-defunt Anton Ellis u l-attur dwar kif kellha tinqasam il-proprjeta komuni ta' bejniethom. F'dawn id-dokumenti kollha hemm inkluza l-art in kwisjtoni u ma giet prodotta l-ebda prova li fiz-zmien meta Anton Ellis kien ghadu haj dan kellu xi oggezzjoni ghall-fatt li l-istess art kienet qieghdha titqies komuni. L-istess jista' jinghad ghall-korrispondenza minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni rigward l-istess zvilupp li giet mibghuta kemm lil Anton Ellis u kemm lill-attur u dan oltre l-fatt li fiz-zmien meta kien qed isir negozju ta' parti mill-art l-attur kien iddikjara li hu proprjetarju ta' nofs indiviz. Kieku ma kienx hekk il-kaz, l-attur zgur li ma kienx se joqghod ihallas taxxa meta din ma kinitx dovuta minnu.

24. Din il-Qorti tista' tirraviza certu dizgwid bejn l-appellanti Richard Ellis u Salvu Ellis ghal ragunijiet li f'din il-kawza baqghu periferali u hija tal-fehma illi Richard Ellis ma kienx lest jaccetta t-talba ta' zijuh peress li skont hu l-istess zijuh kien naqas f'xi affarijiet lil missieru. Izda dak kollu li seta' gara bejn l-appellant zijuh u missieru jista' jkun materja ta' kawza ohra pero m'ghandu bl-ebda mod ixekkel id-drittijiet proprjetarji tal-appellant Salvu Ellis.

25. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi dak addebitat lill-ewwel Qorti fl-ewwel aggravju tal-appellanti Richard u Maria Ellis mhuwiex gustifikat peress li fid-diskrezzjoni taghha l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti quddiemha li wassluha biex tifforma l-konvinciment taghha illi d-defunt Anton Ellis kien qieghed jidher fuq il-kuntratt pubblikat fit-2 ta' Mejju 1980 ukoll ghan-nom tal-attur.

26. **It-tieni aggravju** tal-appellanti Maria u Richard Ellis huwa li l-ewwel Qorti ma applikatx korrettement il-principji legali ghall-kaz odjern fosthom il-principju tal-*actore non probante reus absolvitur* u wkoll il-principju li f'kaz li jinholoq l-icken dubju dan ghandu jmur favur il-konvenuti.

27. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti qeghdin bazikament ikomplu jattakkaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

28. Fir-rigward tal-ewwel principju citat mill-appellanti din il-Qorti thoss illi, kif gja ntwera, l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom kemm bix-xhieda prodotti u kif ukoll bid-dokumenti esebiti u ghalhekk certament mhux il-kaz li dan il-principju ghandu jsib applikazzjoni f’din il-kawza.

29. Fir-rigward tat-tieni principju citat minnhom, l-appellanti jaghmlu referenza ghall-fatt illi f’mument minnhom issemma’ li Dun Tumas Curmi seta’ kellu xi sehem mill-art in kwistjoni. Infatti skont il-legali tal-atturi kien sar diskors li l-istess qassis kellu xi terz tal-art. Madankollu l-istess qassis gie prodott bhala xhud u gie anke kontro-ezaminat mill-appellanti u qatt ma vvanta tali pretensjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi jekk semmai l-istess qassis seta’ kellu xi sehem dan ghandu jkun ta’ ostakolu ghas-success tal-azzjoni attrici stante li l-persuna koncernata qatt ma avvanza tali pretensjoni, lanqas meta ha l-pedana tax-xhieda.

30. L-appellanti biex isostnu l-punt taghhom f’dan l-aggravju anke jippruvaw jiskreditaw dak li qal l-istess appellant Richard Ellis u jargumentaw illi l-impressjoni li seta’ kellu l-istess konvenut kienet effetwata mill-attur stante li kellu iktar kuntatt mieghu milli ma’ missieru. Inoltre l-appellanti jsostnu illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma mxietx fuq ix-xhieda tal-konvenuta stante li kienet hi li tghix ma’ zewgha. Bir-rispett kollu, din il-Qorti thoss illi b’dawn l-argumenti l-appellanti qeghdin jitfghu il-gebla fuq saqajhom stess u ma tara xejn x’ticcensura mill-mod kif l-ewwel Qorti evalwat kemm ix-xhieda ta’ Richard Ellis u kif ukoll ix-xhieda ta’ ommu.

31. L-appellanti jsostnu wkoll illi kieku verament l-art in kwistjoni kienet ukoll tal-attur, huwa ma kienx se jippermetti li jidher Richard Ellis fuq il-kuntratti ta’ bejgh li saru fl-1993, meta seta’ facilment jidher hu bis-sahha tal-prokura li gia kellu fil-pussess tieghu. Din il-Qorti ma tarax li dan hu l-kaz. Huwa probabbli li fiz-zmien tal-imsemmija kuntratti diga` kien beda jinqala’ xi dizgwid bejn l-ahwa Ellis u ghalhekk Anton Ellis kien ghamel prokura lil ibnu. Jigi rilevat pero` li anke d-dhul minn dawn il-kuntratti

partikolari, li fihom Salvu Ellis kien jidher ukoll, jinsabu elenkati fir-rendikont li kien izomm Salvu Ellis. Izda, fi kwalunkwe kaz, dan il-fatt wahdu bl-ebda mod ma jdghajjef il-provi mressqa mill-atturi.

32. Din il-Qorti, wara li regghet fliet l-atti kollha, tikkonkludi bhal l-ewwel Qorti illi kien hemm ftehim bejn l-attur u huh sabiex l-art in kwistjoni jakkwistawha bejniethom u ghalhekk l-appellanti m'ghandhomx ragun lanqas f'dan l-aggravju.

33. Ghaldaqstant l-appell tal-appellanti Richard u Maria Ellis qieghed jigi michud.

**34. Appell ta' l-atturi**

35. Imiss issa li jigi trattat l-appell intavolat mill-atturi fejn qeghdin jattakkaw id-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha cahditilhom it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnhom abbazi tal-fatt li ma saret l-ebda prova dwar l-allegat valur reali tal-proprjeta` trasferita mill-konvenuti u li l-ewwel Qorti, kif konfermat f'dan l-appell, iddikjarat li l-atturi kellhom nofs indiviz minnha.

36. L-appellanti Salvu u Josephine Ellis jargumentaw illi la darba kien hemm it-talba inizjali ghall-likwidazzjoni u kundanna ta' danni, allura l-ewwel Qorti kellha obbligu li tirregola l-proceduri taghha hija stess b'mod li l-ewwel tghaddi biex tippronunzja sentenza in parti fuq il-kwistjoni tal-*prestanome* u sussegwentement f'kaz ta' ezitu favorevoli ghalihom tghaddi biex tistabilixxi permezz tal-hatra ta' Perit il-hlas effettivament li kellu jsir.

37. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-funzjoni tal-Qorti hija li taghmel gustizzja bejn il-partijiet abbazi tal-provi migjuba quddiemha. Kieku l-partijiet, jew l-atturi, talbu sentenza in parte dik il-Qorti jista' jkun li kienet tirregola l-procedura mod iehor, imma fin-nuqqas ta' tali talba, u meta gie verbalizzat li l-kawza kellha tithalla ghas-sentenza[37], l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li

[37] Ara fol 273.

tipprocedi bil-mod kif pprocediet, u tiddeciedi fuq li fatti li kellha quddiemha.

38. Illi l-kawza citata mill-appellanti u cioe` **Julian's Farmhouses Co. Ltd v. Vitorina Sultana (Prim'Awla, 7 ta' Ottubru 2005)** ma tantx taghtihom konfort. Huma jargumentaw illi fil-kawza citata minnhom dik il-Qorti ma llikwidatx danni ghax ma kienx hemm it-talba ghall-periti nominandi u li pero il-kaz taghhom huwa differenti ghax dik it-talba kienet hemm. Apparti li fil-verita` r-raguni ghala dik il-Qorti cahdet it-talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kienet abbazi tal-fatt li s-socjeta` attrici f'dik il-kawza naqset milli taghmel il-prova tad-danni subiti, din il-Qorti tirrileva illi n-nomina ta' periti nominandi hi mod kif wiehed jaghmel il-prova tad-danni pero ma jfissirx illi jekk it-talba ghall-hatra taghhom ma tigix inkluza fit-talbiet dan ma jistghax eventwalment isir. Ghalhekk "id-differenza" kkrejata mill-appellanti ma hijiex raguni valida biex din il-Qorti ma taqbilx mill-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti. Huma setghu fi kwalunkwe stadju jitolbu lill-ewwel Qorti joghgobha tiddeciedi fuq il-kwistjoni tal-*prestanome*, haga li ma saritx u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu l-liberta` u taghzel hi liema talbiet tiddeciedi u liema le.

39. Ghalkemm kif stqarru l-istess appellanti l-ahjar stima tibqa' dejjem dik redatta minn perit arkitett nominat mill-Qorti, ma kien hemm xejn x'jzomm lill-appellanti milli jipprezentaw stima *ex parte*[38]. Pero lanqas din il-prova ma saret. Ghalhekk ma jistghux certament f'dan l-istadju javvanzaw tali pretensjoni.

40. Ghaldaqstant anke dan l-appell qieghed jigi michud.

**DECIDE**

41. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddisponi mill-appelli interposti billi tichad l-istess appelli.

---

[38] Ara Art. 563A tal-Kap 12.

42. L-ispejjez tal-ewwel Istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, b'dana illi kull parti tbati l-ispejjez tal-appell taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------